# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1206

KAZ NRU. 1404

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Brincat

u

Sebastian Borg of B. Borg Group of Services

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 15 ta' Gunju, 2001

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

## INTRODUZZJONI

Illi b'ittra datata 20 ta' Dicembru 1999, l-appellant talab illi l-kaz tieghu dwar tkeccija minnu alllegata bhala ngusta tigi riferita li dan it-Tribunal ghat-temm obbligatorju taghha, liema talba giet konsegwita mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru tal-Politika Socjali b'itttra datata 3 ta' Jannar, 2000. Dana kollu ai termini tal-Kap.266.

DIKJARAZZJONI TAL-KAZ

L-appellant jallega illi huwa tkecca mix-xoghol peress li huwa ried li jithallas bir-rata ta' siegha trippla minflok bin-normal meta gie mitlub li jidhol ghax-xoghol f'vakanza pubblika.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata tinnega l-allegazzjoni tal-appellant. Il-principal jistqarr li il-haddiema kienu jafu bil-kondizzjonijiet tax-xoghol tieghu, inkluz xoghol Hdud u festi, peress illi x-xghol taghhom kien it-tindif tal-fosos. Meta gie assenjat lilu it-tender tal-Gvern, kien ziedhom allowance ta' Lm30 ohra settimanali sabiex taghmel tajjeb ghal servizz ta' sebat'ijiem fil-gimgha.

PROVI U FATTI

L-appellant xehed per via tal-affidavit, fejn gew ripetuti l-fatti kif esposti fid-dikjarazzjicni tal-kaz. Thomas Sammut in rappresentanza tal-E.T.C., esibixxa l-histroy sheet tal-appellant. Charles Muscat f'isem id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali xehed fuq il-kontribuzzjonijiet u beneficcji socjali. Alex Agius xehed fuq id-dhul tieghu mill-beneficcji socjali. Joseph Magro xehed, li bhala supervisor fid-Dipartiment tad-Drenagg, kien jattendi fuq it-trakk misjuq mill-appellant u jindikalu fejn irid imur. Hin kien mis-seba sat-tlieta, mit-Tnejn sal-Hadd.

Illi s-socjeta' ntimata pproduciet lill-iskrivan taghha Victor Spiteri li xehed li l-appellant thallas dak kollu lilu dovut u halla ricevuta in final settlement, konsistenti f'notice, vacation leave u bonuses. (Vide Dok DC1 seduta

tal-24 ta' Novembru, 2000). Xehed illi l-impjegati kienu jahdmu five jew six day week, u jidhlu l-Hadd jekk ikun il-kaz. L-appellant kien jaqa' fit-tieni kategorija. Joseph Coleiro xehed li mkien xufier bhal l-appellant Kien ftiehem mal-principal dwar certi kondizzjoniet tax-xoghol dipendenti fuq l-esigenzi tax-xoghol. Meta ha t-tieni tender, kienu ftiehmu nkluz l-appellant li jahdmu xoghol ta' tlieta flok idahhal iehor, u jithallsu extra. L-imghallem kien halla f-idejhom, u huwa qaghad ghad-decizjoni taghhom.

Sebastian Borg xehed li kien qalilhom li x-xoghol tal-kuntratt kien mifrux fuq sebat'ijiem, kien hemm in-necessita' li jiddahhal iehor, izda billi accettaw li jahdmu x-xoghol huma il-paga tieghu qasmuha fuq tnejn. Il-kazijiet ta' dizubbidjenza kienu koncentrati fuq nuqqas ta qadi efficjenti tas-servizz minnhom moghti.

Ghalkemm kienu mhallsin fit-tender precedenti ghas-Sibt ukoll, dawn ma kenux jahdmuh Fit-tender il-gdid, hadu l-flus extra ghax kien ikollhom jahdmu xi tmien sieghat aktar.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-pern tas-soluzzjoni ta' din il-vertenza hija cirkoskritta mir-rifjut tal-appellant bhala impjegat tas-socjeta' intimata li jidhol ghax-xoghol f'vakanza pubblika ghax ma kienx ser jithallas doppja jew trippla. Il-principal isostni illi meta tahom Lm30 extra bhala allowance din kienet tinkludi kull hlas talvolta dovut ghal xoghol fi granet ta' festa pubblika. Hames festi pubblici zgur ma jiswewx daqshekk jew aktar. Li jrid jigi soffermat huwa jekk dan il-ftehim hux konsonanti mad-disposizzjonijiet tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tax-Xoghol. (Kap.135)

u l-Wages Regulation Order applikabbli ghal kaz in ezami. Kif gie ripetutamant enuncjat sia minn dan it-Tribunal u sia mill-Qrati Ordinarji, specjalment fis-sentenza tal-Onor. Qorti Tal-Appell fl-ismijiet,'Avv. Hugh Peralta noe vs. Avv. Philip Sciberras noe', l-ebda ftehim ma jista' jmur kontra l-istess Att u/jew WRO. Mhux hekk biss izda l-istess haddiem ma jistax jirrinunzja ghal dawk id-drittijiet lilu moghtija ex lege ghall-ahjar interessi tieghu. La gie sottomess u wisq anqas rilevat mill-partijiet f'din il-kwistjoni. Kieku kien hemm kuntratt ta' xoghol per iskritt jew registru tal-impjegati ai termini tal-Art. 14 tac-CERA, din il-kwistjoni ma kenitx tasal f'dan l-istadju. Kull haddiem ghandhu dritt ghal mistrieh, vaganzi u granet bla xoghol bhal festi pubblici u nazzjonali. L-ebda principal ma jista' jippretendi li l-haddiem tieghu ikun disponibbli sebat ijiem fil-gimgha ghax-xoghol. Jista' ikun hemm esigenzi ta' servizz li jattendi fuq il-post tax-xoghol f'dawn il-granet, pero' kontra kumpens xieraq stabbilit jew bil-ligi jew bi ftehim kollettiv. Hu kemm hu il-kumpens, dment il-haddiem huwa fi grad bhal dak tal-appellant odjern, ma jistax jigi lilu mcahhad pagament kif lilu tenut *ex lege*. Il-fatt li bdew jithallsu Lm30 allowance ma jissostitwix dak rikjest mill-ligi, jew, li l-principal ihallas paga aktar minn normal jew minimu. Il-ligi dana ma tippermettiehx.

Illi li jibqa' li jigi deciz huwa jekk l-appellant kienx gustifikat li ma jirraportax ghax-xoghol f'zewg okkazzjonijiet . Huwa kien imissu jidhol ghax-xoghol, u huwa kellu jattendi ghad-doveri tieghu, anke fin-nuqqas ta' garanzija li ser jithallas taghha, u dana meta l-esigenzi tax-xoghol kienu jirrikjedu hekk. It-Tribunal jirrileva li non sta ghall-impjegat li jaghzel meta jidhol ghax-xoghol,

u non sta ghalih id-decizjoni jekk hux necessarju jew le li persuna tidhol ghax-xoghol. L-ghazla u/jew id-decizjoni tispetta unikament lill-principal u l-impjegat ma jistax jissosstitwixxu ruhu ghall-principal tieghu jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tieghu. Fil-kaz odjern, dana ma jirrizultax. In vista li kien hemm nuqqas ta' qbil fuq il-pagament talvolta dovut jew le, id-decizjoni tal-appellant li jiehu l-ligi b'idejh u ma jmurx ghax-xoghol kienet frettoluza wisq. Mhux darba izda darbtejn. Haddiem ghaqli kien jadotta linja ta' azzjoni differenti.

Ossia, kien imur ghax-xoghol, jikkonsulta ruhu, u skond il-parir doveruz li jinghata, kien jaghmel it-talba formali tieghu ghall-hlas ta' dak lilu dovut, bis-sekwenza tal-passi kollha ritenuti necessarji u opportuni biex jithallas dak lilu dovut.

Illi pero' il-haddiem ghazel it-triq tal-konfrontazzjoni, zgur mhux konsonanti mat-thaddim ta' paci ndustrijali fuq il-post tax-xoghol. L-anqas jista' jghid li giet krejata xi tilwima ndustrijali fejn ovvjament jidhlu principji ohra ta' relazzjonijiet industrijali, f'liema cirkostanzi kienu jittiehdu passi u azzjonijiet industrijali differenti. L-ghazla maghmula mill-haddiem ma kenitx dik idonea u applikabbli ghal kaz tieghu. Jekk ma jkunx hekk, cirkostanzi simili jigu zviluppati f'pogrom shih. Ta' dan ghandu jbati l-konsegwenzi tal-istess azzjonijiet tieghu. It-terminazzjoni tal-impjieg qed tigi konvalidata, peress ai termini tas-suesspost ghal-ragunijiet totalment differenti minn dawk sottomessi mill-principal. Ma jaghmilx hazin jekk il-principal jasal wasla sal-ufficcju distrettwali tax-xoghol u jikkonsulta ruhu kif jaghmel il-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema tieghu. Sia l-haddiem u sia l-

principal tieghu ghandhom f'dan it-tielet millenju kristjan jibdlu l-kultura u l-perspettiva taghhom tax-xoghol u jibdew jigu attwati verament bis-serjeta' il-ligijiet tal-pajjiz.

**KONKLUZZJONI**

Illi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant kienet wahda gustifikata. B'hekk hija terminata definittivament.

Ghal skop ta' tassazzjoni, id-drittijiet dovuti qed jigu taxxati fl-ammont ta' Lm25.

ft/DR. JOSEPH P. BONNICI LL.D.
CHAIRMAN

Noel Casha
A/Segretarju